# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 250/2019**

***ANNA ZELBST***

***vs.***

***ALFRED MIFSUD***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talba prinċipali magħmula minn Anna Zelbst sabiex hija titħallas minn Alfred Mifsud is-somma ta' €93,000 u dwar il-kontro-talba ta' Alfred Mifsud sabiex huwa jikseb dikjarazzjoni li l-obbligazzjoni li huwa daħal għaliha bil-kitba tat-8 ta' Lulju (*recte*: Ġunju), 2016 ma tiswiex;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**<u>8 ta' Marzu, 2019</u>**, Anna Zelbst fissret li hija u Alfred Mifsud kellhom relazzjoni bejniethom li minnha twieldu żewġ ulied. Fi Frar 2016, din ir-relazzjoni intemmet biex b'hekk il-partijiet bdew jgħixu għal rashom, filwaqt li ż-żewġ ulied baqgħu jgħixu ma' Anna Zelbst;

3. Anna Zelbst qalet li wara li Alfred Mifsud ma baqax jgħix magħha, bejn Marzu 2016 u Mejju 2016 huwa beda jħallasha s-somma ta’ €3,000 kull xahar. Din l-obbligazzjoni ġiet ikkonfermata bil-miktub minn Alfred Mifsud u kellha tibqa’ fis-seħħ sakemm Anna Zelbst tibqa’ tgħix maż-żewġ uliedhom. Madankollu, f’Ġunju 2016 Alfred Mifsud waqaf jagħmel dawn il-pagamenti ta’ kull xahar u għalhekk Anna Zelbst mexxiet kontrih b’kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex huwa jħallasha s-somma dovuta lilha għax-xhur ta’ Ġunju u Lulju 2016;

4. B’sentenza mogħtija fis-17 ta’ Ottubru, 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet it-talba ta’ Anna Zelbst iżda din is-sentenza ġiet imħassra mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), u għalhekk Alfred Mifsud ġie kkundannat iħallas is-somma ta’ €6,000 lil Anna Zelbst. Min-naħa tiegħu, Alfred Mifsud ressaq rikors għar-ritrattazzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) iżda dan ġie miċħud. Anna Zelbst fissret li għalkemm Alfred Mifsud ħallasha s-somma ta’ €6,000 skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, huwa ma reġax wettaq pagament ieħor ta’ €3,000 kull xahar sal-ġurnata tar-rikors maħluf;

5. Għalhekk hija kellha tiftaħ din il-kawża sabiex Alfred Mifsud jiġi ordnat iħallasha dak li kien dovut lilha bejn l-1 ta’ Awwissu, 2016 u t-28 ta’ Frar, 2019, u talbet lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tiddeċiedi u tilqa’ t-talba tal-attriċi mingħajr ma tgħaddi għas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta in vista ta’ ‘l hawn fuq dikjarazzjoni ġuramentata u tal-anness affidavit Dok F;*
>
> *2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta’ tlieta u disgħin elf ewro (€93,000) dovuti lilha kif fuq indikat għall-perijodu mill-1 ta’ Awwissu 2016 sat-28 ta’ Frar 2019;*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-pagament effettiv.»*

6. B’digriet mogħti fit-**<u>12 ta’ Marzu, 2019,</u>** din il-qorti appuntat il-kawża għall-5 ta’ April, 2019 u ordnat lil Alfred Mifsud biex jidher f’dik is-seduta sabiex iwieġeb għat-talbiet imressqa kontra tiegħu. Barra minn hekk, f’dak id-digriet Alfred Mifsud ġie mwissi li jekk

huwa jonqos li jidher f'dik is-seduta l-qorti kienet sejra tgħaddi biex tilqa' minnufih it-talbiet ta' Anna Zelbst. Inzerta li fil-5 ta' April, 2019, Alfred Mifsud kien għadu mhux notifikat bir-rikors maħluf u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-26 ta' April, 2019;

7. Fis-**<u>26 ta' April, 2019</u>**, Alfred Mifsud ippreżenta nota fejn fiha huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn il-kawża m'għandhiex tiġi maqtugħa bil-proċedura sommarja. Waqt is-seduta miżmuma fl-istess ġurnata, il-qorti, wara li semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-avukati taż-żewġ partijiet, qieset li Alfred Mifsud kellu eċċezzjonijiet *prima facie* xi jressaq u għalhekk hija tagħtu għoxrin jum sabiex jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu;

8. Alfred Mifsud ippreżenta t-tweġiba maħlufa tiegħu fl-**<u>14 ta' Mejju 2019</u>**, u fiha huwa ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. It-tieni talba tal-attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda billi kwalunkwe obbligazzjoni li l-eċċipjent seta' assuma fil-konfront tal-attriċi bil-kitba ma tiswiex;*
>
> *L-attriċi arrekat inġurja gravi lill-eċċipjent, b'intenzjoni ċara li tagħmillu ħsara irreparabbli kemm fir-reputazzjoni tiegħu u anke fuq livell professjonali. Qabel wettqet dan, hija induċiet b'qerq u ingann lill-eċċipjent sabiex jirrilaxxjalha kitba bl-intenzjonijiet tiegħu, li dwarhom kienu għadhom għaddejjin b'negozjati. L-eċċipjent ma kellu l-ebda ħjiel tal-għanijiet malinni tal-attriċi, u rrilaxxja l-kitba mitluba in bwona fede. Kwalunkwe obbligu ta' ħlas naxxenti minn dik l-iskrittura m'għadux validu u effettiv wara ingann u l-inġurji perpetrati volutament mill-attriċi. F'dan ir-rigward, l-eċċipjent qed jippreżenta t-talbiet rikonvenzjonali opportuni;*
>
> *2. Mingħajr preġudizzju, il-ħlas pretiż mill-attriċi b'din l-azzjoni mhuwiex dovut, jew mhux dovut kollu, billi l-eċċipjent diġà ħallas il-parti l-kbira mis-somma direttament lil uliedu u b'hekk ipprovda għall-bżonnijiet u l-għajxien tajjeb tagħhom;*
>
> *Kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-kors ta' din il-kawża, lit-tifla Shana Marie l-eċċipjent għaddielha €250 fil-ġimgħa matul il-perijodu kollu msemmi u għadu jagħmel hekk sal-lum. Mat-tifel Alain Alexander għamel l-istess, sa wara li għalaq 23 sena u beda jaħdem bi qliegħ. Inoltre, l-eċċipjent b'mod regolari jagħti lil dawn uliedu flus kontanti għall-użu tagħhom, u jħallas waħdu għal spejjeż oħra partikolari li jkollhom.*

*3. F'kull każ u mingħajr preġudizzju, it-tieni talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.»*

9. Flimkien mat-tweġiba maħlufa tiegħu, Alfred Mifsud ressaq ukoll **kontro-talba** fejn huwa fisser li wara li hu u Anna Zelbst infirdu fi Frar 2016, huwa daħal f'negozjati magħha sabiex huma jaslu fi ftehim bonarju fl-interess ta' uliedhom. Żied jispjega li waqt li kienu għadhom qegħdin ifittxu li jilħqu ftehim, huwa baqa' jipprovdi għal uliedhom billi jgħaddi lil Anna Zelbst somma flus kull xahar tant li huwa kien għaddielha kitba ffirmata minnu u datata 8 ta' Lulju (*recte*: Ġunju), 2016 fejn huwa wera l-intenzjoni tiegħu li jibqa' jħallasha l-istess somma flus kull xahar sakemm uliedhom jibqgħu jgħixu magħha;

10. Madankollu, skont Alfred Mifsud, ftit ġranet wara li huwa għaddielha din il-kitba, huwa skopra li waqt li kienu għaddejjin dawn in-negozjati Anna Zelbst kienet qarrqet bih għaliex fl-istess waqt li hija kienet ipperswadietu biex jgħaddilha l-imsemmija kitba, hija vvintat storja malafamanti dwaru flimkien mal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, li eventwalment ġiet ippubblikata. Għalhekk huwa talab li din il-qorti:

*«1. tiddikjara u tiddeċiedi li kwalunkwe obbligazzjoni li l-esponent seta' assuma favur l-attriċi bl-iskrittura tat-8 ta' Lulju (recte: Ġunju) 2016 ma tiswiex minħabba l-inganni u l-qerq tal-attriċi kif fuq spjegat;*

*2. f'kull każ, tiddikjara u tiddeċiedi li kwalunkwe obbligazzjoni li l-esponent seta' assuma favur l-attriċi bl-iskrittura tat-8 ta' Lulju (recte: Ġunju) 2016 ma tiswiex minħabba li l-attriċi rrendiet ruħha ħatja fil-konfront tal-esponent ta' inġurji gravi, u bil-ħsieb li tagħmillu d-deni, għamlitlu ħsara kbira u ppreġudikatlu b'mod irrimedjabbli l-interessi tiegħu.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi li jibqgħu inġunti minn issa għas-subizzjoni.»*

11. Fil-**<u>5 ta' Ġunju, 2019</u>**, Anna Zelbst ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha għall-kontro talba ta' Alfred Mifsud fejn hija qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi in linea preliminari l-azzjoni tal-konvenut hija preskritta bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-artikoli 1222 u 1223 tal-Kodiċi Ċivili;*

*2. Illi bla preġudizzju u fil-meritu t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*3. Illi fir-rigward tal-ewwel talba tal-konvenut, kif ġja deċiż bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Ġunju 2018 (ġja esebita bħala Dok D mar-rikors ġuramentat tal-attriċi) u anke konfermat fis-sentenza ta' ritrattazzjoni (esebita bħala Dok E mar-rikors ġuramentat), l-iskrittura tat-8 ta' Lulju (recte Ġunju) 2016 ma kinitx it-tnissil tal-obbligazzjoni iżda biss il-konferma tal-obbligazzjoni ġja assunta u għalhekk kwalunkwe dikjarazzjoni u deċiżjoni tal-Qorti li tali skrittura ma tiswiex ma tħassarx l-obbligazzjoni tal-ħlas mensili ta' tlett elef ewro (€3000) konfermata bl-isemmija skrittura;*

*4. Illi bla preġudizzju u fi kwalunkwe każ, kif intqal fis-sentenza ta' ritrattazzjoni, l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut favur l-attriċi tista' titħassar biss fit-termini ta' dak li jgħid l-artikolu 992(2) tal-Kodiċi Ċivili u fil-każ odjern, ma jeżistu ebda "raġunijiet magħrufin mil-liġi" li jistgħu jwasslu għar-rexxissjoni tal-obbligazzjoni inkwistjoni għaliex la kien hemm ingann u wisq inqas qerq min-naħa tal-esponenti;*

*5. Illi in kwantu għat-tieni talba, dejjem bla preġudizzju, il-konvenut għandu jindika fuq liema artikolu tal-liġi qed jibbaża l-istess talba stante li l-kawża odjerna la tikkonċerna xi diżereditazzjoni minn wirt u lanqas ma tikkwalifika bħala xi donazzjoni li tista' tiġi revokata minħabba l-allegati addebiti li jsemmi l-konvenut fl-istess talba. Fi kwalunkwe każ l-esponenti tirrespinġi bħala infondati l-addebiti msemmija fl-istess talba.*

*6. Illi kif ġja rilevat fiż-żewġ sentenzi fuq imsemmija, hawn si tratta ta' każ fejn japplika l-prinċipju ta' pacta sunt servanda u l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut ġiet assoġġettata biss għall-kundizzjoni sakemm l-attriċi tibqa' tgħix ma' ulied il-partijiet.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.»*

12. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tat-**<u>8 ta' Ottubru, 2021</u>**;

13. Anna Zelbst ressqet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fl-14 ta' Jannar, 2022 (ara paġni 372 sa 378 tal-atti tal-kawża), filwaqt li Alfred Mifsud ressaq is-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu fit-30 ta' Marzu, 2022 (ara paġni 380 sa 386 tal-atti tal-kawża);

14. Inżammet seduta fil-31 ta' Mejju, 2022 biex il-partijiet jagħmlu l-aħħar sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum;

***Fatti***

15. Anna Zelbst u Alfred Mifsud kellhom relazzjoni bejniethom li minnha twieldu żewġ ulied, Alain u Shana. Fi Frar tas-sena 2016 inqala' l-inkwiet bejniethom u għalhekk Alfred Mifsud mar jgħix għal rasu, filwaqt li Anna Zelbst u ż-żewġ uliedhom baqgħu jgħixu fl-appartament ta' Alfred Mifsud li jinsab ġewwa Fort Cambridge f'tas-Sliema;

16. Wara li nfirdu, Alfred Mifsud beda jħallas lil Anna Zelbst €3,000 kull xahar għall-għajxien tagħha u ta' uliedhom. Huwa wettaq dawn il-ħlasijiet għax-xhur ta' Marzu, April u Mejju 2016;

17. Fl-**<u>1 ta' Mejju, 2016</u>**, Anna Zelbst bagħtet ittra lil Alfred Mifsud fejn hija għamlitlu lista ta' affarijiet li hija kienet qiegħda tippretendi mingħandu (ara l-ittra f'paġna 368 tal-atti tal-kawża). Fost dawn l-affarijiet hija talbitu li l-ħlas li kien qiegħed jagħmlilha kull xahar isir permezz ta' *standing order* mill-kont bankarju tiegħu;

18. Fit-**<u>8 ta' Ġunju, 2016</u>**, ftit tal-ħin qabel it-tmienja ta' filgħodu, Alfred Mifsud bagħat ittra elettronika lil Anna Zelbst (ara minn paġna 214 sa 216 tal-atti tal-kawża) fejn huwa għarrafha, fost affarijiet oħra, li huwa kien sar iħobb lil ħaddieħor u ried iqatta' aktar ħin mas-sieħba l-ġdida tiegħu. F'din l-ittra huwa wissieha wkoll li huwa ma kienx beħsiebu jmantniha jekk hija kienet sejra ddaħħlu l-qorti;

19. Aktar tard dakinhar, sar tqassim ta' messaġġi bejn il-partijiet (ara paġni 222 u 223 tal-atti tal-kawża), fejn Anna Zelbst staqsietu jekk huwa kienx sejjer jieqaf jgħaddilha ċ-ċekk li kien qiegħed jgħaddilha kull xahar. Għal dan, Alfred Mifsud wieġeb, *«No I will keep your monthly cheque whatever»*;

20. Fl-istess korrispondenza Anna Zelbst talbet lil Alfred Mifsud biex jikkonfermalha dak li kien għadu kif qalilha permezz ta' kitba ffirmata minnu. Fil-fatt, aktar tard fl-istess ġurnata Anna Zelbst sabet ittra iffirmata minn Alfred Mifsud fil-kaxxa tal-ittri ta' fejn kienet qiegħda toqgħod (ara kopja tal-ittra f'paġna 7 tal-atti tal-kawża). Din l-ittra kienet taqra hekk:

*«8th July 2016,*

*<u>To Anna Zelbst</u>*

*This is to confirm my intention that for <u>as long as you live with the children</u>, Alain & Shana, I will maintain the monthly allowance of Euro 3000 (three thousand euro) and will continue to pay all reasonable maintenance and utility cost of E5/1501 Fort Cambridge.*

*If Alain & Shana leave the allowance will be reduced proportionately but never below the gross pension I recieve from National Insurance.*

*I also confirm that I will treat Alain & Shana fairly and equally in my will and in line with my older children.*

*Alfred Mifsud ID 800057M»*

21. Għalkemm din l-ittra iġġib id-data tat-8 ta' Lulju, 2016, iż-żewġ partijiet jaqblu li din l-ittra fil-fatt inkitbet fit-**<u>8 ta' Ġunju, 2016</u>** (ara l-kontro-talba ta' Alfred Mifsud minn paġna 89 sa 91 tal-atti tal-kawża, it-tweġiba maħlufa ta' Anna Zelbst minn paġna 210 sa 213 tal-atti tal-kawża u l-affidavit ta' Anna Zelbst f'paġni 220 u 221 tal-atti tal-kawża);

22. Fl-**<u>10 ta' Ġunju, 2016</u>**, jiġifieri jumejn wara li saret il-kitba hawn fuq imsemmija, ġew ippubblikati xi allegazzjonijiet dwar Alfred Mifsud fuq *blog* immexxi mill-ġurnalista Daphne Caruana Galizia fejn huwa ġie mixli b'korruzzjoni (ara paġni 322 u 323 tal-atti tal-kawża). Dawn ġew segwiti minn pubblikazzjoni oħra fuq l-istess *blog* fil-**<u>15 ta' Ġunju, 2016,</u>** fejn din id-darba saret allegazzjoni li Alfred Mifsud kien involut f'ħasil ta' flus (ara paġna 324 tal-atti tal-kawża);

23. Imbagħad, fis-**<u>17 ta' Ġunju, 2016</u>**, reġgħet saret pubblikazzjoni oħra fuq il-*blog* ta' Daphne Caruana Galizia fejn ħareġ li s-sors tal-allegazzjonijiet li kienu saru fil-jiem ta'

qabel kontra Alfred Mifsud kienet fil-fatt Anna Zelbst (ara paġni 325 u 326 tal-atti tal-kawża). Għalhekk, fid-dawl ta' dawn l-allegazzjonijiet li Anna Zelbst għamlet kontrih, Alfred Mifsud waqaf jagħmel il-ħlasijiet li kien jagħmlilha kull xahar;

24. Fid-**9 ta' Awwissu, 2016**, Anna Zelbst mexxiet b'kawża kontra Alfred Mifsud quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex huwa jiġi ordnat iħallasha s-somma ta' €6,000 li tkopri l-ħlasijiet li huwa kellu jagħmlilha għax-xhur ta' Ġunju u Lulju tas-sena 2016. B'sentenza tas-**17 ta' Ottubru, 2017**, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kkonkludiet li l-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 kienet sempliċi wegħda u għalhekk ma torbotx lil Alfred Mifsud li jħallas lil Anna Zelbst €3,000 fix-xahar. B'konsegwenza t'hekk, hija ċaħdet it-talba ta' Anna Zelbst;

25. Din is-sentenza ġiet appellata u b'sentenza tat-**18 ta' Ġunju, 2018**, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ikkonkludiet li l-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 ma kienet xejn għajr konferma bil-miktub tal-obbligazzjoni li Alfred Mifsud kien intrabat biha verbalment u li diġà kien qiegħed iwettaq. Tenniet ukoll li dak li seħħ wara li saret il-kitba (jiġifieri l-allegazzjonijiet li ħarġu fil-*blog* ta' Daphne Caruana Galizia) ma kellux iwassal lil Alfred Mifsud biex jaqbad u jbiddel fehmtu u jieqaf iwettaq il-ħlasijiet lil Anna Zelbst. Għalhekk, il-Qorti tal-Appell varjat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), laqgħet it-talba ta' Anna Zelbst, u ordnat lil Alfred Mifsud iħallasha s-somma ta' €6,000 (ara minn paġni 8 sa 15 tal-atti tal-kawża);

26. Alfred Mifsud ressaq rikors ta' ritrattazzjoni minn din l-aħħar sentenza iżda b'sentenza tad-**29 ta' Novembru, 2018**, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ċaħdet ir-rikors tiegħu u kkonfermat is-sentenza tat-18 ta' Ġunju, 2018 (ara minn paġni 16 sa 29 tal-atti tal-kawża);

27. Minn Ġunju tas-sena 2016 'il quddiem, ma jirriżultax li Alfred Mifsud wettaq xi ħlas ieħor ta' €3,000 lil Anna Zelbst għajr għall-ħlasijiet li jkopru x-xhur ta' Ġunju u Lulju tas-sena 2016, hekk kif ġie ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-18 ta' Ġunju, 2018. Madankollu, mill-atti jirriżulta li bejn Awwissu tas-

sena 2016 u Frar tas-sena 2019 Alfred Mifsud wettaq numru mhux żgħir ta' pagamenti ta' €250 direttament liż-żewġ uliedu (ara r-rendikonti bankarji minn paġni 97 sa 208 tal-atti tal-kawża);

***Konsiderazzjonijiet***

28. Din hija kawża fejn Anna Zelbst qiegħda tippretendi li għandha titħallas l-ammont ta' €93,000 mingħand Alfred Mifsud, liema ammont jissarraf f'31 pagament ta' €3,000 kull xahar għall-perijodu ta' bejn Awwissu 2016 u Frar 2019, li hija tgħid li Alfred Mifsud kien intrabat li jħallasha. Min-naħa l-oħra, Alfred Mifsud qiegħed ifittex li jikseb dikjarazzjoni li l-obbligazzjoni li huwa seta' ntrabat biha permezz tal-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 ma tiswiex u b'konsegwenza t'hekk huwa jgħid li lil Anna Zelbst m'għandu jagħtiha xejn;

29. Kemm fl-eċċezzjonijiet u kif ukoll fil-kontro-talba tiegħu, Alfred Mifsud iressaq żewġ raġunijiet ewlenija għaliex fil-fehma tiegħu l-obbligazzjoni li huwa seta' ntrabat biha fil-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 mhijiex fejjieda. L-ewwel raġuni mogħtija minnu hija li Anna Zelbst kienet qarrqet bih biex jidħol għal din l-obbligazzjoni; filwaqt li t-tieni raġuni hija li Anna Zelbst wettqet inġurja gravi fil-konfront tiegħu u għamlitlu ħsara kbira;

30. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu Alfred Mifsud iżid raġuni oħra mat-tnejn t'hawn fuq u jissokta jgħid li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jintrabat b'obbligu ta' ħlas ma' Anna Zelbst mingħajr ftehim sħiħ dwar il-pendenzi kollha li kellhom bejniethom. Huwa jisħaq li huwa kellu biss l-intenzjoni li jwettaq il-ħlasijiet ta' €3,000 lil Anna Zelbst fix-xahar fil-każ biss li huma jilħqu ftehim dwar dak li hija kienet qiegħda tippretendi mingħandu;

31. Il-qorti sejra tistħarreġ l-ewwel il-kwistjoni dwar is-siwi tal-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 minħabba ingann u qerq, kif mixli fil-kontro-talba ta' Alfred Mifsud. Anna Zelbst tisħaq fit-tweġiba maħlufa tagħha li din l-azzjoni ta' Alfred Mifsud biex iħoll l-obbligazzjoni li daħal għaliha hija preskritta skont l-**artikoli 1222** u **1223 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta'**

**Malta**. Naturalment jekk din l-eċċezzjoni ta' Anna Zelbst tinstab li hija tajba, l-azzjoni ta' Alfred Mifsud, safejn din hija msejsa fuq din il-kawżali, taqa';

32. L-**artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħodd għall-każijiet fejn jintalab il-ħall ta' obbligazzjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni jew nuqqas ta' età tal-parti li tkun ikkuntrattat, u kif ukoll fil-każijiet ta' obbligazzjoni bla kawża jew obbligazzjoni msejsa fuq kawża falza. Dan l-artikolu jipprovdi li azzjoni bħal din trid tiġi mressqa 'l quddiem fi żmien sentejn;

33. Fil-każ ta' vjolenza, dak iż-żmien jibda jgħodd minn dakinhar li l-vjolenza tintemm, filwaqt li fil-każ ta' żball, għemil doluż jew kawża falza, iż-żmien ta' sentejn jitlaq minn dakinhar li jinkixef id-difett (ara l-**artikolu 1223(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Mill-banda l-oħra, fejn tkun saret obbligazzjoni bla kawża ż-żmien ta' sentejn jibda għaddej minn dakinhar tal-kuntratt (ara l-**artikolu 1223(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**);

34. Issa fil-każ tagħna, waħda mir-raġunijiet li qiegħed iġib Alfred Mifsud biex iħoll l-obbligazzjoni tal-ħlas hija li l-kunsens tiegħu biex iwettaq il-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 ttieħed b'qerq u b'ingann u għalhekk din il-kitba għandha titqies difettuża u annullabbli. Huwa jgħid li Anna Zelbst daħket bih għaliex hija kienet ippreswadietu biex jagħmel il-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 biex imbagħad wara hija tkun tista' tmur għand il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u toħloq akkużi foloz dwaru;

35. L-avukat ta' Alfred Mifsud tenna waqt it-trattazzjoni tal-għeluq li ż-żmien ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ huwa dak ta' ħames snin kif imfisser fl-**artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Din il-qorti iżda ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni għaliex skont dan l-artikolu tal-liġi, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin jgħodd sakemm fil-liġi ma jkunx hemm imniżżel terminu ta' preskrizzjoni li huwa iqsar. Sewwasew fil-każ tagħna l-liġi tipprovdi terminu ta' preskrizzjoni iqsar minn ħames snin, *viz*. dak ta' sentejn, kif imsemmi fl-**artikoli 1222** u **1223 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

36. Għalhekk, darba li l-ewwel kawżali tal-azzjoni ta' Alfred Mifsud għall-ħall tal-obbligazzjoni hija msejsa fuq qerq u ingann, il-preskrizzjoni applikabbli għaliha hija dik ta' sentejn, li jibdew miexja minn meta jinkixef id-difett, jiġifieri minn meta l-parti tkun intebħet li l-parti l-oħra qarrqet biha (ara f'dan is-sens ***George Mallia v. Avukat Dr. Albert Ganado*** u ***Vincent Agius noe v. Mario Borg et*** deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Mejju, 1959 u fl-10 ta' Ottubru, 2007 rispettivament, u ***Norbert McKeon et v. Emanuele Azzopardi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar, 2016);

37. Issa ladarba Anna Zelbst qajmet din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kien jaqa' fuqha li turi lill-qorti meta fil-fehma tagħha kienet il-ġurnata li fiha Alfred Mifsud seta' jintebaħ b'dak li huwa qies bħala qerq min-naħa tagħha (ara f'dan is-sens ***Pierre Falzon et v. Anthony Borg***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2017). Dik il-ġurnata titqies bħala l-jum li fih setgħet tinfetaħ il-kawża li Alfred Mifsud ressaq kontra tagħha u għalhekk il-jum li fih beda miexi ż-żmien tal-preskrizzjoni skont l-**artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

38. Mill-provi miġbura matul il-kors tal-kawża jirriżulta li l-kitba inkwistjoni saret minn Alfred Mifsud fit-8 ta' Ġunju, 2016. Fl-10 ta' Ġunju, 2016 u fil-15 ta' Ġunju, 2016 ġew ippubblikati żewġ artikli fuq il-*blog* ta' Daphne Caruana Galizia fejn fihom Alfred Mifsud ġie mixli b'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u ħasil ta' flus. Imbagħad, fis-17 ta' Ġunju, 2017 ġie ppubblikat artiklu ieħor fuq l-istess *blog* fejn fih ħareġ biċ-ċar li s-sors tal-allegazzjonijet li kienu qegħdin jinġabu kontra Alfred Mifsud ma kienet ħadd ħlief Anna Zelbst;

39. Dan ifisser li fis-17 ta' Ġunju, 2016, Alfred Mifsud kien f'qagħda li seta' faċilment jintebaħ bl-ingann li huwa qiegħed jallega fil-konfront ta' Anna Zelbst. Għalhekk, iż-żmien tal-preskrizzjoni ta' sentejn kif hawn fuq imsemmi beda miexi f'dik il-ġurnata u għalaq fis-17 ta' Ġunju, 2018. Alfred Mifsud iżda ressaq il-kontro-talba tiegħu biex iħoll l-obbligazzjoni li ntrabat biha fl-14 ta' Mejju, 2019, jiġifieri ftit inqas minn sena wara li kienu laħqu ġa għalqu s-sentejn imsemmija fl-**artikoli 1222** u **1223 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

40. Il-qorti ma jirriżultalhiex li Alfred Mifsud innotifika lil Anna Zelbst b'xi att ġudizzjarju biex jikser il-preskrizzjoni bejn Ġunju tas-sena 2016 u Ġunju tas-sena 2018. Jiġi b'hekk, li l-azzjoni ta' Alfred Mifsud ġiet imressqa ftit inqas minn sena wara li għalaq iż-żmien tal-preskrizzjoni skont l-**artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u għalhekk huwa ġie li tilef iċ-ċans tiegħu li jħoll l-obbligazzjoni tal-ħlas minħabba għemil doluż fiż-żmien li trid il-liġi;

41. Dan l-artikolu dwar il-preskrizzjoni tas-sentejn madankollu, ma joqtolx l-azzjoni kollha ta' Alfred Mifsud kif miġjuba fil-kontro-talba tiegħu għaliex il-qorti jeħtiġilha tinvestiga wkoll jekk l-obbligazzjoni inkwistjoni għandhiex tiġi mħassra minħabba offiża gravi, li Alfred Mifsud jgħid li wettqet fil-konfront tiegħu Anna Zelbst, wara li huwa ntrabat b'din l-obbligazzjoni;

42. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni preliminari ta' Anna Zelbst dwar il-preskrizzjoni qiegħda tiġi milqugħa limitatament fir-rigward tal-ewwel talba mressqa minn Alfred Mifsud u b'konsegwenza t'hekk din l-ewwel talba ta' Alfred Mifsud qiegħda tiġi miċħuda;

43. Imiss issa li jiġi mistħarreġ jekk l-obbligazzjoni assunta minn Alfred Mifsud għadhiex tiswa minħabba li skontu, Anna Zelbst wettqet offiża gravi fil-konfront tiegħu u għamlitlu ħsara kbira;

44. Madankollu, qabel mal-qorti tidħol fil-kwistjoni dwar jekk din l-inġurja gravi tassew seħħitx, ikun xieraq li wieħed iqis jekk l-obbligazzjoni inkwistjoni tistax bil-liġi tiġi mħassra minħabba din ir-raġuni;

45. Il-qorti tqis li l-**Kodiċi Ċivili** tagħna jikkontempla ħames sitwazzjonijiet li fihom persuna tista' tbati l-konsegwenzi jekk hija twettaq inġurja jew offiża gravi fil-konfront ta' persuna oħra. Dawn huma:

i. meta l-ġenituri jiċħdu l-manteniment lil uliedhom minħabba li dawn ikunu wettqu offiża gravi kontrihom (ara l-**artikolu 32 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**);

ii. meta persuna tiċħad il-manteniment lil ħuha jew lil oħtha skont l-**artikolu 33 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** minħabba offiża gravi magħmula minnhom kontra tagħha jew kontra qarib tagħha;

iii. meta dixxendent jiġi diżeredat skont l-**artikolu 623 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** minħabba li jkun ħati ta' offiża gravi lejn it-testatur;

iv. meta kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja jtemm milli jkollu effett dwar detentur ta' polza jew benefiċjarju msemmi li jkun ġie kundannat mill-qorti għal offiża gravi fuq il-persuna tad-detentur tal-polza jew tal-ħajja assigurata (ara l-**artikolu 1712G(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**); u

v. meta donazzjoni tiġi mħassra minħabba li d-donatarju jkun ħati ta' inġurja gravi lejn id-donatur jew għamillu ħsara kbira skont l-**artikolu 1787 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

46. L-ewwel erba' xenarji fiż-żgur li ma għandhom l-ebda applikazzjoni għall-każ tagħna għaliex il-partijiet f'din il-kawża la huma ġenituri jew aħwa ta' xulxin, la qegħdin jippretendu xi wirt mingħand xulxin u lanqas ħallew xi polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja lil xulxin;

47. Għalhekk il-qorti jeħtiġilha tqis biss jekk l-obbligazzjoni li ntrabat biha Alfred Mifsud tistax tiġi meqjusa bħala waħda ta' donazzjoni lil Anna Zelbst. Tajjeb li jiġi mfakkar li l-element ewlieni tad-donazzjoni huwa l-*animus donandi*, jiġifieri r-rieda ta' persuna li tagħti xi ħaġa b'liberalità (ara ***Giorgio Baldacchino v. Giorgio Borġ pro et noe***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Novembru, 1957 u ***Reuben Farruġia nomine v. Tessa Pisani***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April, 2010);

48. Biex wieħed jasal għall-konklużjoni li tkun seħħet donazzjoni wieħed jeħtieġlu jeżamina bir-reqqa x'kienet ir-rieda tal-awtur tad-donazzjoni, b'mod partikolari jekk huwa kellux ix-xewqa li jgħaddi b'rigal parti minn ħwejġu lid-donatarju mingħajr ma jippretendi xejn lura. Barra minn hekk, hekk kif irid l-**artikolu 1737(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, id-donanti jrid ikollu l-fehma li jeħles minn dik il-ħaġa li jkun qiegħed jagħti b'donazzjoni minnufih u għal dejjem (ara f'dan is-sens ***Albert Fiorentino v. Rebecca Attard***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju, 2004);

49. Mill-ġabra tal-provi, din il-qorti ma jidhrilhiex li permezz tal-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 Alfred Mifsud kien qabel li jgħaddi €3,000 kull xahar lil Anna Zelbst ta' xejn jew bħala sempliċi rigal. Kif tenniet tajjeb il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenzi mogħtija minnha fid-18 ta' Ġunju, 2018 u fid-29 ta' Novembru, 2018, Alfred Mifsud kien intrabat li jgħaddi lil Anna Zelbst €3,000 kull xahar sabiex iħallasha għas-servizz li hija tagħtu matul is-snin twal sakemm damet ħajja r-relazzjoni li kellhom bejniethom u kif ukoll sabiex huwa jagħmel tajjeb għall-bżonnijiet li kellhom uliedu. Tant hu hekk, li fil-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 Alfred Mifsud għamilha ċara li l-ħlas ta' €3,000 kull xahar kien sejjer jibqa' jseħħ sakemm Anna Zelbst tibqa' tgħix maż-żewġ uliedhom u kellu jonqos proporzjonalment jekk l-ulied jitilqu mid-dar;

50. L-*animus donandi* huwa nieqes għalkollox mill-obbligazzjoni li ntrabat biha Alfred Mifsud għaliex ma jirriżultax li huwa kellu r-rieda li jħallas €3,000 fix-xahar lil Anna Zelbst ta' xejn. L-obbligazzjoni inkwistjoni għandha bixra ta' kuntratt ta' servizzi li jinkludi fih il-ħlas lill-omm uliedu sabiex hija tibqa' f'qagħda li tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħhom. F'moħħ il-qorti l-obbligazzjoni li daħal għaliha Alfred Mifsud bl-ebda mod ma ġġorr fiha l-elementi tad-donazzjoni hawn fuq spjegati;

51. Ladarba l-qorti qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-obbligazzjoni li ntrabat biha Alfred Mifsud mhijiex donazzjoni, dan għandu jfisser li Alfred Mifsud ma jistax jargumenta b'suċċess li din ma tiswiex minħabba inġurja gravi li allegatament wettqet kontrih Anna Zelbst;

52. Konxju b'din is-sitwazzjoni, l-avukat ta' Alfred Mifsud argumenta fit-trattazzjoni tal-għeluq li d-dispożizzjonijiet legali dwar l-inġurja fuq imsemmija għandhom japplikaw xorta waħda għal dan il-każ bl-użu tal-prinċipju tal-analoġija. Din il-qorti iżda ma taqbilx għaliex kif ingħad minn din il-qorti b'Imħallef differenti fis-sentenza ***The Performing Right Society Limited v. One Productions Limited*** deċiża fil-5 ta' Ġunju, 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015:

> *«hu aċċettat li fejn ma hemm xejn speċifikat fil-liġi, Qorti ma tistax tapplika liġi oħra minflok jew b'analoġija. Għalhekk mhux permess li istitut jitwessa b'analoġija, tixbieħ jew teħid u li tittieħed inizzjativa li ma hix mogħtija lilu mil-ligi. Il-prinċipju bażilari fid-dritt Ruman "Ubi lex voluti dixit, ubi noluit tacuit". Li kieku l-leġislatur ried jipprovdi xorta oħra dan seta' jagħmlu liberament imma f`dan il-każ ma għamlux. (**Av. Adrian Delia noe v. European Insurance Group Limited**, PA 04/02/2013; **AIC Joseph Barbara et v. Onor. Prim Ministru**, Kost 17/10/2007; **Frank Fenech v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, App 28/09/2012; **Jean Pierre sive Jean Borg vs. Nicole Borg**, App 30/11/2012).»*

53. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu m'hemm l-ebda ħtieġa li l-qorti tidħol fil-kwistjoni dwar jekk l-allegata inġurja fil-fatt twettqitx jew le. It-tħassir ta' obbligazzjoni minħabba offiża gravi kontra l-persuna tista' tintlaqa' biss f'waħda mis-sitwazzjonijiet spjegati fil-paragrafu 45 ta' din is-sentenza u darba li l-obbligazzjoni inkwistjoni ma toqgħod taħt l-ebda waħda minnhom, l-azzjoni ta' Alfred Mifsud taħt din il-kawżali tfalli wkoll;

54. Jinżel minn dan kollu li l-obbligazzjoni li ntrabat biha Alfred Mifsud tista' tieqaf biss jekk Anna Zelbst tagħti l-kunsens tagħha għat-tħassir tal-obbligazzjoni skont l-**artikolu 992(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara f'dan is-sens ***David Borg v. W.V.S. (Marketing) Ltd***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-1 ta' Diċembru, 2004);

55. Il-qorti tissokta ttenni li għalkemm Alfred Mifsud, kemm fix-xiehda tiegħu (ara paġna 266 tal-atti tal-kawża) u kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jargumenta li huwa kellu biss l-intenzjoni li jwettaq il-ħlasijiet ta' €3,000 lil Anna Zelbst fix-xahar fil-każ biss li huma jilħqu ftehim dwar il-pendenzi kollha li kien hemm bejniethom, din il-qorti ma jseħħilhiex li dan kien il-każ;

56. Mill-provi jirriżulta li għalkemm kien biss fit-8 ta' Ġunju, 2016 li l-obbligazzjoni inkwistjoni ġiet magħrufa permezz ta' kitba ffirmata minn Alfred Mifsud, fil-fatt dan tal-aħħar kien ilu minn Frar tas-sena 2016 iħallas lil Anna Zelbst €3,000 kull xahar. Tant hu hekk, li fl-1 ta' Mejju, 2016 Anna Zelbst bagħtet ittra lil Alfred Mifsud, fejn fost numru ta' affarijiet hija talbitu biex il-ħlasijiet li huwa kien qiegħed jagħmlilha kull xahar jibdew isiru permezz ta' *standing order* mill-kont bankarju tiegħu;

57. Huwa minnu li dakinhar tat-8 ta' Ġunju, 2016 kmieni filgħodu Alfred Mifsud bagħat ittra elettronika lil Anna Zelbst fejn huwa wissieha li ma kienx beħsiebu jħallasha jekk hija kienet sejra ddaħħlu l-qorti. Iżda mbagħad, aktar tard fl-istess ġurnata, wara li Anna Zelbst ikkomunikat miegħu u staqsietu jekk huwa kienx sejjer iwaqqfilha il-ħlasijiet ta' kull xahar, b'messaġġ mibgħut minnu, Alfred Mifsud ikkonferma iswed fuq l-abjad li jiġri x'jiġri huwa kien sejjer jibqa' jgħaddilha dawn il-ħlasijiet. Terġa' u tgħid, Alfred Mifsud kompla jsaħħah din ir-rieda tiegħu li jagħmel dan, meta aktar tard fl-istess ġurnata huwa ħalla l-kitba ffirmata minnu fil-kaxxa tal-ittri ta' Anna Zelbst;

58. Dan ixejjen għalkollox it-teżi ta' Alfred Mifsud, li permezz tal-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016, huwa kien qiegħed jintrabat biss li jħallas lil Anna Zelbst €3,000 fix-xahar fil-każ biss li huma jiftiehmu fuq il-pendenzi kollha li kellhom bejniethom. Il-qorti jidhrilha li l-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 hija ċara u fiha Alfred Mifsud kien qiegħed itenni l-obbligazzjoni tiegħu li jħallas €3,000 kull xahar lil Anna Zelbst sakemm uliedhom jibqgħu jgħixu magħha, u li f'każ li dawn jitilqu mid-dar, il-ħlas kellu jonqos proporzjonalment iżda qatt inqas mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali li huwa jirċievi kull xahar;

59. Din kienet l-unika kundizzjoni li ssemmi l-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016. Din il-kitba ma ssemmix li l-ħlas kien jiddependi mill-qbil tal-partijiet dwar il-pendenzi kollha li kien hemm bejniethom. Ladarba l-kliem ta' din il-kitba huwa ċar ma hemmx lok għall-interpretazzjoni tiegħu (ara l-**artikolu 1002 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Jissokta jingħad li meta l-kliem f'kitba jkun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dik il-kitba ma jpoġġux fid-dubju r-rieda ta' min kitibha, mhuwiex permess lill-ġudikant li jagħti lil dik il-

kitba tifsira differenti minn dik li tkun ingħatat b'mod ħieles minn dak li kitibha (ara ***John Żammit et v. Michael Zammit Tabone nomine***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1997 u ***Emanuel Aġius et v. Saviour Aġius et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2015);

60. Huwa ta' xejn li fix-xiehda tiegħu Alfred Mifsud jipprova jagħti tifsira differenti għal dak li huwa kiteb fit-8 ta' Ġunju, 2016 għaliex *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*. Dan il-prinċipju jibqa' jseħħ sakemm il-qorti ma tkunx konvinta illi hemm xi żball fil-kitba jew li fil-kitba tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali (ara ***Merċieca v. Pace***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru, 1947 u ***Carmelo Morana v. Nutar Dr. Joseph Spiteri***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 1952). Iżda lill-qorti ma jirriżultalhiex li fil-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016 sar xi żball jew tħalliet xi kundizzjoni barra;

61. Fuq kollox, għalkemm huwa minnu li provi bil-fomm jistgħu jintużaw biex jinftiehmu aħjar kitbiet li ma jkunux ċari, dawn mhumiex ammissibbli meta dak li jkunu qegħdin jippruvaw ifissru jkun diġà ċar, hekk kif fil-fatt hija l-kitba inkwistjoni (ara ***Attard v. Mamo***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 1941);

62. Meqjus dan kollu, il-kawżali mressqa minn Alfred Mifsud biex huwa jinħall mill-obbligazzjoni li ntrabat biha favur Anna Zelbst ma jistgħux jitqiesu li huma tajbin. Għalhekk, il-bqija tal-eċċezzjonijiet kollha mressqa minn Anna Zelbst bħala tweġiba għall-kontro-talba ta' Alfred Mifsud qegħdin jiġu milqugħa; filwaqt li t-tieni talba ta' Alfred Mifsud kif magħmula fil-kontro-talba qiegħda tiġi miċħuda. Għall-istess raġunijiet, qegħdin jiġu miċħuda wkoll l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet ta' Alfred Mifsud għall-kawża prinċipali mressqa minn Anna Zelbst;

63. Jifdal biss li tiġi mistħarrġa t-talba prinċipali ta' Anna Zelbst sabiex hija tiġi mħallsa l-flus li ntrabat li jgħaddilha Alfred Mifsud. Din it-talba triq titqies fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni ta' Alfred Mifsud fejn huwa jirrimarka li huwa diġà ħallas parti kbira mis-somma mitluba

minn Anna Zelbst direttament lill-uliedu permezz ta' numru ta' ħlasijiet ta' €250 kull wieħed, u li b'hekk huwa pprovda għall-bżonnijiet u l-għajxien tajjeb tagħhom;

64. Biex isostni din l-eċċezzjoni tiegħu, Alfred Mifsud ressaq sensiela ta' rendikonti bankarji li jixhdu li bejn Awwissu 2016 u Frar 2019 huwa wettaq 128 pagament ta' €250 kull wieħed lil bintu Shana Marie u 88 pagament ta' €250 kull wieħed lil ibnu Alain Alexander. B'kollox, jiġi li Alfred Mifsud wettaq 216 pagament ta' €250 kull wieħed lil uliedu li jwasslu għal total ta' €54,000;

65. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, Anna Zelbst tisħaq li dawn ir-rendikonti bankarji ma jistgħux jitqiesu bħala prova valida, kemm għaliex minn dawn ir-rendikonti Alfred Mifsud ħassar kull fejn deherlu li ma kienx rilevanti għall-kawża, u kif ukoll għaliex dawn ma ġew qatt ikkonfermati mill-bank li ħariġhom. Dwar dan il-punt l-avukat ta' Anna Zelbst għafas ħafna wkoll fit-trattazzjoni orali tiegħu;

66. Huwa minnu li fir-rendikonti bankarji li pproduċa Alfred Mifsud hemm numru ta' transazzjonijiet li ġew mgħottija bl-iswed. Madankollu, dan ma jfissirx li b'daqshekk dawn huma ħżiena jew li juru ħaġa b'oħra. Jekk Anna Zelbst riedet ixxejjen is-sedqa u s-siwi ta' dawn ir-rendikonti bankarji hija setgħet faċilment tħarrek lir-rappreżentant tal-bank li ħariġhom sabiex jixhed dwar jekk dawn humiex ġenwini jew inkella sabiex jippreżenta kopja tagħhom li mhijiex mittiefsa;

67. Madankollu, Anna Zelbst m'għamlet xejn minn dan u għalhekk din il-qorti ma tħossx għalfejn hija m'għandhiex temmen dak li hemm imniżżel f'dawn ir-rendikonti. Wieħed ma jridx jinsa li rendikont bankarju, li juri jum b'jum x'daħal u x'ħareġ minn kont, huwa ktieb tal-kummerċ kif imfisser fl-**artikolu 16 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**. Barra minn hekk, l-**artikolu 22(1)** tal-istess **Kodiċi** jgħid li, *«il-kotba tal-kummerċ, obbligatorji jew le, jagħmlu prova skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili»* Għalhekk, dawn ir-rendikonti jagħmlu prova sakemm ma jintweriex il-kuntrarju (ara ***Bank of Valletta p.l.c. v. Gozo Caterers Ltd et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Lulju, 2020);

68. Fuq kollox, Anna Zelbst ma ressqet l-ebda eċċezzjoni tal-falz skont l-**artikolu 802** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex tikkontesta l-ġenwinità tar-rendikonti bankarji li tressqu bħala prova kontriha. Tassew mhuwiex sew li Anna Zelbst taħsad lill-kontro-parti u tqajjem il-kwistjoni dwar il-ġenwinità tar-rendikonti bankarji fis-sottomissjonijiet finali tagħha. Jekk kellha xi problemi bihom, hija messha qajmet l-oġġezzjoni tagħha fil-fażi tat-tlugħ tal-provi u mhux fis-sottomissjonijiet tal-għeluq;

69. Imma anke kieku stess wieħed kellu jwarrab dan kollu, jirriżulta li wlied il-partijiet stess ikkonfermaw bil-ġurament tagħhom li huma rċivew numru ta' ħlasijiet ta' €250 mingħand missierhom (ara x-xiehda ta' Alain Mifsud f'paġni 286 u 287 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Shana Mifsud f'paġna 297 tal-atti tal-kawża). Għaldaqstant, dan l-argument ta' Anna Zelbst li ġie magħmul fis-sottomissjonijiet miktuba u orali tagħha qiegħed jiġi mwarrab;

70. Kif ġie meqjus aktar kmieni f'din is-sentenza, it-€3,000 li Alfred Mifsud kien intrabat li jgħaddi lil Anna Zelbst kull xahar, kienu maħsuba wkoll biex huwa jagħmel tajjeb għall-bżonnijiet ta' wliedu. Fil-fatt, għalkemm fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2018, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) kienet tal-istess fehma, hija dehrilha li f'dik il-kawża Alfred Mifsud ma kienx ressaq provi tajbin biżżejjed biex juri minn meta huwa beda jwettaq il-pagamenti ta' €250 fil-ġimgħa lil uliedu. Għalhekk, hija ma ħassitx il-ħtieġa li tidħol fil-kwistjoni dwar jekk għandux ikun hemm tnaqqis mill-ħlas li kienet qiegħda tippretendi Anna Zelbst;

71. Minkejja dan, fil-kawża tal-lum il-qorti jidhrilha li Alfred Mifsud irnexxilu juri permezz tar-rendikonti bankarji u tax-xiehda ta' wliedu li huwa wettaq total ta' 216 pagament ta' €250 kull wieħed lil uliedu bejn Awwissu 2016 u Frar 2019, li magħduda flimkien jammontaw għal €54,000. B'hekk dawn il-€54,000 sejrin jiġu mnaqqsa mit-total ta' €93,000 li qiegħda titlob Anna Zelbst mingħand Alfred Mifsud;

72. L-avukat ta' Alfred Mifsud saħaq fit-trattazzjoni orali tiegħu li Alfred Mifsud għamel ħlasijiet oħra lill-uliedu li ma jidhrux fir-rendikonti bankarji ppreżentati minnu minħabba li

huwa ntlaqat minn mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Madankollu l-qorti ma jirriżultalhiex mill-provi kif Alfred Mifsud seta' jwettaq dawn il-ħlasijiet, jekk huwa tassew kien milqut b'mandat ta' sekwestru;

73. Tassew mill-atti tal-kawża, Alfred Mifsud la wera b'liema mod huwa rnexxilu jgħaddi dawn il-flejjes lill-uliedu u lanqas ma wera kemm suppost kienu dawn l-ammonti. Fin-nuqqas ta' prova ċara dwar il-modalità u dwar l-ammont ta' dawn il-ħlasijiet, il-qorti ma tistax tqishom. Hekk ukoll, il-qorti mhijiex sejra tqis dawk il-flejjes li Alfred Mifsud seta' għadda lill-uliedu bħala rigali (pereżempju biex jinxtara *lap-top* jew għas-safar) għaliex tħoss li dawn ma jidħlux fl-ammont ta' €3000 imsemmija fl-obbligazzjoni mertu ta' din il-kawża;

74. Għaldaqstant, il-qorti sejra tilqa' f'dan is-sens it-tieni eċċezzjoni ta' Alfred Mifsud u konsegwentement tilqa' limitatament it-talba ta' Anna Zelbst billi tordna lil Alfred Mifsud iħallsha s-somma totali ta' €39,000;

75. Fuq l-imgħax mitlub minn Anna Zelbst, il-qorti bit-tħaddim tal-**artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ħa timxi fuq ir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena. Dwar minn meta għandu jitlaq l-imgħax, tidħol ir-regola msemmija fl-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jingħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Iris Dalmas v. Ronnie German et***, deċiża fis-16 ta' Marzu, 2005:

> *«Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed in mora. Jiġifieri, «una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione» (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**)»*;

76. Fil-każ tagħna, ma jirriżultax mill-atti ta' din il-kawża li Anna Zelbst sejħet lil Alfred Mifsud b'att ġudizzjarju qabel ma hija fetħet din il-kawża biex titħallas dak dovut lilha. Għalhekk, huwa r-rikors maħluf tagħha li għandu jitqies bħala l-att ġudizzjarju għall-għanijiet tal-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

77. Issa f'dan il-każ, il-qorti naqqset l-ammont li r-rikorrenti qiegħda titlob fir-rikors maħluf tagħha. Madankollu, dan il-fatt waħdu ma jfissirx li l-imgħaxijiet ma jibdewx jgħaddu fuq is-somma hekk imnaqqsa minn dakinhar tas-sejħa għall-ħlas (ara ***Fogg Insurance Agencies Limited nomine v. Paul Tabone***, Appell Inferjuri, 17 ta' Frar, 2003 u ***H&C Developments Limited v. Francis Grech et***, Appell Superjuri, 25 ta' Jannar, 2013). Dwar dan il-punt ingħad li meta attur jitlob somma determinata, u din titnaqqas, id-debitur m'għandux jieħu vantaġġ billi jiġi meħlus mill-ħlas ta' xi mgħax (ara ***Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited***, Appell Superjuri, 17 ta' Ottubru, 2007, ***RainbowMix Concrete Limited v. Andrew Scicluna et***, Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014 u ***Albert Mallia v. Albert Camilleri***, Appell Superjuri, 1 ta' Diċembru 2014);

78. Mill-atti tal-kawża, jirriżulta li Alfred Mifsud ta ruħu b'notifikat bir-rikors maħluf fis-26 ta' April, 2019 u għalhekk hija minn din id-data tat-tagħrifa li l-qorti tqis li għandhom jibdew jiġru l-imgħaxijiet (ara *inter alia* ***Joseph Pisani et v. David Mamo et***, Appell Superjuri tas-27 ta' Settembru, 2019 u ***George Żammit et v. Alfred Żammit et***, Appell Superjuri tal-31 ta' Mejju, 2019);

79. Finalment, dwar l-ispejjeż tal-kawża, minkejja li l-qorti sejra tnaqqas ammont sostanzjali mill-ammont mitlub minn Anna Zelbst fir-rikors maħluf, il-qorti tħoss li din m'għandhiex teħel spejjeż ta' din il-kawża għaliex il-qorti temmen li Alfred Mifsud kien imissu għamilha ċara ma' Anna Zelbst mill-bidu nett li huwa kien sejjer jieqaf jagħmlilha l-pagamenti u li minflok kien sejjer jibda jagħmel il-ħlasijiet direttament lil uliedu;

80. Tassew, hekk kif ma kien hemm xejn xi jżomm lil Alfred Mifsud meta għażel minn jeddu li jagħmel il-kitba tat-8 ta' Ġunju, 2016, hekk ukoll ma kien hemm xejn xi jżommu milli jagħmel kitba oħra f'dan is-sens meta huwa ddeċieda li jibda jagħmel il-ħlasijiet direttament lill-uliedu. Madankollu, Alfred Mifsud m'għamel xejn minn dan u ma weriex lill-qorti li huwa kien ikkomunika lil Anna Zelbst bl-intenzjoni tiegħu li kien ħa jibda jgħaddi l-flus direttament lil uliedu minflok jgħaddihom lilha. Anzi waqt it-trattazzjoni tal-

għeluq, l-avukat ta' Alfred Mifsud ikkonferma li Alfred Mifsud ma għarrafx bil-miktub lil Anna Zelbst li huwa kien sejjer jibdel il-mod ta' kif kien ħa jħallas is-somma ta' €3,000;

81. Fid-dawl ta' dan, il-qorti sejra tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandu jħallashom kollha Alfred Mifsud;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel talba ta' Anna Zelbst għaliex din il-kawża tmexxiet skont il-proċedura ordinarja u mhux skont il-proċedura sommarja;

ii. **<u>Tilqa'</u>** l-ewwel eċċezzjoni ta' Anna Zelbst dwar l-ewwel talba mressqa minn Alfred Mifsud fil-kontro-talba tiegħu għaliex l-azzjoni għat-tħassir tal-obbligazzjoni minħabba għemil doluż ma saritx fi żmien sentejn skont l-**artikoli 1222** u **1223 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u għalhekk **<u>tiċħad</u>** l-ewwel talba magħmula fil-kontro-talba mressqa minn Alfred Mifsud;

iii. **<u>Tilqa'</u>** l-bqija tal-eċċezzjonijiet kollha mressqa minn Anna Zelbst bi tweġiba għall-kontro-talba ta' Alfred Mifsud peress li dawn instabu li huma tajbin u għalhekk **<u>tiċħad</u>** il-kontro-talba kollha mressqa minn Alfred Mifsud għaliex it-twettiq ta' offiża gravi minn Anna Zelbst fil-konfront tiegħu mhijiex raġuni skont il-liġi biex ittemm l-obbligazzjoni li huwa ntrabat biha favur Anna Zelbst;

iv. **<u>Tiċħad</u>** għall-istess raġunijiet l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet mressqa minn Alfred Mifsud fir-rigward tat-tieni talba magħmula minn Anna Zelbst;

v. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni eċċezzjoni ta' Alfred Mifsud għaliex jirriżulta li huwa diġà ħallas parti mis-somma mitluba minn Anna Zelbst lil uliedu permezz ta' numru ta' pagamenti magħmula minnu fil-perijodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu, 2016 u t-28 ta' Frar, 2019;

vi. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba ta' Anna Zelbst iżda sal-ammont ta' €39,000, u b'hekk tordna lil Alfred Mifsud iħallas lil Anna Zelbst is-somma ta' €39,000, b'imgħax sempliċi bit-8% fis-sena fuq din is-somma, li jibda għaddej mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf, jiġifieri mis-26 ta' April, 2019, sad-data tal-ħlas effettiv;

Fl-aħħar nett, għar-raġunijiet fuq imsemmija l-qorti qiegħda **<u>tordna</u>** li Alfred Mifsud għandu jbati l-ispejjeż kollha marbuta mal-kawża li fetħet Anna Zelbst u mal-kontro-talba li ressaq hu.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**